**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur u l-kandidat.

Kull kandidat jingħata tliet temi għad-diskussjoni biex jagħżel waħda minnhom quddiem l-eżaminatur u jitkellem dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidat ma jkunx jaf x'se jaqbad jgħid, l-eżaminatur għandu jgħinu jesprimi ruħu fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsih xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuh ikompli jiddiskuti s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminatur għandu joqgħod attent li ma jispiċċax jitkellem hu biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn qegħdin bħala gwida għall-eżaminatur biss u għalhekk, l-eżaminatur jista' jvarja kemm irid billi jżid u jnaqqas kemm jogħġbu, u jibda minn fejn irid.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/mas-suġġett

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu tal-Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

## GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATURI

### 1. L-Effett tal-Aħbarijiet

- L-aħbarijiet jagħtu l-aktar importanza lil ġrajjiet koroh, ħżiena. Għaliex taħseb li jagħmlu hekk?
- X'effett iħallu l-aħbarijiet fuq it-telespettaturi/is-semmiegħa, u l-aktar fuq it-tfal?
- Jista' joħroġ il-ġid mill-fatt li persuna ssegwi l-aħbarijiet?
- X'responsabilità għandhom il-ġurnalisti u x-xandara kollha f'dan il-qasam?
- Għaliex l-istess ġrajja tista' tkun irrapportata b'modi differenti minn stazzjonijiet differenti?
- X'inhi d-differenza bejn il-fatt u l-kumment dwar il-fatt?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 2. Il-Mużika

- Xi tfisser il-mużika għalik?
- Għala taħseb li l-bniedem ma jgħaddix mingħajr il-mużika?
- X'tippreferi, mużika bil-kliem jew mużika bla kliem?
- Is-sehem tal-korijiet fil-mużika
- L-importanza tal-lirika fil-kanzunetti
- Għaliex taħseb li ċerti kantanti/kanzunetti jirnexxu u oħrajn le?
- Liema ġeneru ta' mużika jogħġbok l-aktar u għaliex?

## 3. Kif Tista' Tgħin lil Ħaddieħor

- Kif tinduna li xi persuna qrib tiegħek għandha bżonn l-għajnuna?
- Jekk tinduna, meta u kif għandek tindaħal?
- Kemm taħseb li tiswa kelma tajba?
- Mill-esperjenza tiegħek fl-iskola, ġieli nnotajt li kien hemm min kellu bżonn l-għajnuna?
- Aħjar pass żejjed jew pass nieqes f'dak li tista' tagħmel biex tgħin lil ħaddieħor?
- Lest li tissogra biex tgħin lil ħaddieħor? Kif?

## 4. L-Impenn taż-Żgħażagħ fil-Volontarjat

- Il-qalb kbira taż-żgħażagħ – impenn għax iħossu l-bżonn li jagħtu sehemhom
- Għaqdiet filantropiċi, kulturali, mhux governattivi
- Ħafna jippreferu jsiefru lejn pajjiżi tat-tielet dinja
- Il-volontarjat jgħin biex iż-żgħażagħ jimmaturaw
- Jidraw ikunu altruwisti u jipprattikaw il-valur tas-solidarjetà
- Il-President ta' Malta nnifsu ħeġġeġ liż-żgħażagħ imorru miegħu f'pajjiż Afrikan

## 5. Il-Ħtieġa tal-Eżerċizzju Fiżiku

- Għaliex huwa meħtieġ l-eżerċizzju fiżiku?
- L-eżerċizzju fiżiku fost il-Maltin
- Hemm ħin għall-eżerċizzju fil-ħajja mgħaġġla tal-lum?
- Ir-rabta bejn l-ikel li nieklu u l-eżerċizzju
- It-tagħlim tat-taħriġ fiżiku fl-iskejjel. Kemm qed jingħata importanza?
- Tipi differenti ta' taħriġ fiżiku: ġewwa f'xi *gym* jew barra, waħdek jew fi grupp

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 4.00 pm |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur u l-kandidat.

Kull kandidat jingħata tliet temi għad-diskussjoni biex jagħżel waħda minnhom quddiem l-eżaminatur u jitkellem dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidat ma jkunx jaf x'se jaqbad jgħid, l-eżaminatur għandu jgħinu jesprimi ruħu fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsih xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuh ikompli jiddiskuti s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminatur għandu joqgħod attent li ma jispiċċax jitkellem hu biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn qegħdin bħala gwida għall-eżaminatur biss u għalhekk, l-eżaminatur jista' jvarja kemm irid billi jżid u jnaqqas kemm jogħġbu, u jibda minn fejn irid.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/mas-suġġett

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu tal-Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

## GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATURI

### 6. Id-Dixxiplina Tagħmlek Nies

- X'inhi d-dixxiplina?
- Tipi differenti ta' dixxiplina – militari, laxka, moderata
- Id-dixxiplina fl-iskola
- Id-dixxiplina fuq il-post tax-xogħol u pubblika
- Taqbel li d-dixxiplina għandha tibda mid-dar? Meta?
- Min hu responsabbli għad-dixxiplina fid-dar: il-missier jew l-omm?
- X'importanza taħseb li għandha d-dixxiplina fil-formazzjoni tal-karattru?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**7. It-Trobbija tal-Ulied**

- Il-ġenituri: l-ewwel edukaturi
- Il-ġenituri bi tfal żgħar u li t-tnejn joħorġu jaħdmu
- L-importanza taċ-*childcare centres*
- It-tfal li jitħallew għand in-nanniet
- L-età ta' meta t-tfal jibdew l-iskola qed tgħin jew ittellef it-trobbija tagħhom?
- L-effett tat-trobbija fuq il-ħajja tal-individwu

**8. L-Inċidenti fuq il-Postijiet tax-Xogħol**

- Spiss nisimgħu fl-aħbarijiet b'dawn l-inċidenti
- Liema huma dawk il-postijiet tax-xogħol l-aktar suxxettibbli għall-inċidenti?
- Xi jwassal għal dawn l-inċidenti?
- Kif taħseb li jistgħu jiġu evitati u min taħseb li hu responsabbli biex dawn jiġu evitati?
- X'inhuma d-dmirijiet ta' min iħaddem fejn tidħol is-sigurtà fuq ix-xogħol?
- X'taħseb li għandu jkun is-sehem tal-unjins?
- Xi drittijiet u dmirijiet għandu l-ħaddiem għall-ħarsien ta' saħħtu?

**9. It-Tagħlim tal-Adulti**

- Dieħla ġmielha l-idea tat-tagħlim tul il-ħajja
- Diversi ċentri f'Malta u Għawdex – l-idea li l-iskejjel jibqgħu miftuħin sa filgħaxija
- Tagħlim ta' kull suġġett jew attività – tixrid ta' kultura
- Raġunijiet differenti – titjib fil-karriera, tagħlim u kumpanija fl-istess ħin
- Opportunità oħra għal min tilef l-iskola
- Il-pajjiż igawdi għax ikollu ċittadini aktar responsabbli

**AM 22/Iok.13m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-EFFETT TAL-AĦBARIJIET

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-MUŻIKA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## KIF TISTA' TGĦIN LIL ĦADDIEĦOR

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-IMPENN TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-VOLONTARJAT

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-ĦTIEĠA TAL-EŻERĊIZZJU FIŻIKU

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok.13m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 4.00 pm |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# ID-DIXXIPLINA TAGĦMLEK NIES

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/Iok.13m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 4.00 pm |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IT-TROBBIJA TAL-ULIED

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 4.00 pm |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## L-INĊIDENTI FUQ IL-POSTIJIET TAX-XOGĦOL

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 23 ta' Marzu 2013 |
| **ĦIN:** | 4.00 pm |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IT-TAGĦLIM TAL-ADULTI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 14 ta' Mejju 2013 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m. |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

1. IL-KOMPONIMENT (15-il marka)

*Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar **wieħed** minn dawn is-suġġetti:*

a. Iż-żmien l-akbar imgħallem

b. Is-sbuħija tal-persuna – minn barra u minn ġewwa

ċ. Waħdi fuq blata quddiem il-baħar – ħsibijiet

d. Il-ħajja mhijiex kollha ward u żahar

e. L-iskola trawwem iċ-ċittadini t'għada

f. Il-lejl mhux għal kulħadd iġib il-mistrieħ

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

2. IT-TAQSIRA (5 marki)

*Qassar din is-silta fi kliemek f'madwar mitt (100) kelma:*

Minn żmien ilu, il-festa tal-patrun tar-raħal kienet isservi ta' żvog għall-poplu kollu. Huwa maħsub li l-festa Maltija kabbret l-għeruq tagħha minn żmien il-Kavallieri għax dawn kienu dilettanti tal-festeġġjamenti, u wkoll biex jaljenaw u jinħabbu mal-poplu. Jingħad ukoll li dawn l-istess Kavallieri ġabu l-ewwel statwa f'Malta, dik ta' San Ġużepp, u din inħarġet fil-purċissjoni tar-Rabat.

F'kull parroċċa f'Malta u Għawdex tiġi ċċelebrata l-festa tal-patrun jew tal-patruna. Hemm uħud minnhom li jiċċelebraw ukoll festi sekondarji ta' qaddisin oħra. F'festa jagħmlu differenza bejn iċ-ċelebrazzjonijiet interni u esterni.

Bħala Nsara għandna nagħtu importanza assoluta lill-festi interni; jiġifieri ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knisja jew aħjar, li torganizza l-Knisja. Il-festi interni jibdew minn ġimgħa qabel b'quddiesa tal-ħruġ tal-vara u jkomplu jiżdiedu fit-tlett ijiem tat-tridu (l-aħħar tlett ijiem qabel lejljiet il-festa). Dawn jilħqu l-qofol tagħhom biċ-ċelebrazzjonijiet solenni li jsiru fil-quddies ta' lejliet u nhar il-festa flimkien mal-purċissjoni bl-istatwa.

L-aktar f'parroċċi antiki għadha sseħħ id-drawwa tal-paniġierku fil-quddiesa solenni ta' nhar il-festa. Dan jikkonsisti f'diskors twil ħafna mill-qassis dwar il-ħajja tal-patrun jew tal-patruna u ġieli jdum aktar minn siegħa.

Minn żmien qabel il-bidu ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, il-knisja tiżżejjen b'damask sabiħ. Jinħarġu l-kandelabri, jinxtegħlu l-linef tal-kristall u l-artali tal-ġnub jiżżejnu.

Il-festi esterni jintrabtu maċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru barra mill-knisja. Fosthom insibu: logħob tan-nar tal-art u tal-ajru, kunċerti mużikali, lejliet Maltin, marċijiet mill-baned tar-raħal stess u tiżjin mal-faċċati tal-każini. Dawn l-attivitajiet kollha jiġu organizzati mill-Kumitat tal-Festi Esterni jew mill-każini tal-baned. F'xi rħula ġieli jkun hemm aktar minn każin wieħed għall-istess festa.

F'ħafna rħula ssib ħafna żgħażagħ dilettanti tal-festa u għalhekk, kif tibda riesqa l-festa, tarahom iqattgħu ġranet sħaħ sabiex jarmaw it-toroq u jorganizzaw attivitajiet differenti biex ikollhom l-aħjar festa. Issib oħrajn li jidħlu b'ruħhom u b'ġisimhom fejn jidħol il-logħob tan-nar. Fl-imgħoddi, il-logħob tan-nar kien jikkonsisti f'mudell ta' faċċata ta' knisja mixgħula b'gassijiet ta' kull kulur, imwaqqfa fuq pilastri tal-injam. Maż-żmien bdew isiru l-irdieden, it-tapiti, il-ġiġġifogu u l-musketterija li kienet tinħaraq minn fuq il-bjut.

(Addattata minn *Il-Kultura Maltija* ta' Fiona Mallia)

3. IL-LINGWISTIKA MALTIJA (10 marki)

*Agħżel mistoqsija **waħda**:*

a. Il-qofol tat-tiswir morfoloġiku fil-Malti huwa msejjes fuq l-għeruq Semitiċi u z-zkuk morfemiċi Rumanzi u Ingliżi. Ikkummenta u agħti eżempji xierqa biex issaħħaħ l-argumenti tiegħek.

b. Għalkemm l-element Għarbi jibqa' l-ewwel saff tal-ilsien Malti, ma nistgħux ninjoraw l-influwenza qawwija tal-element Rumanz. Ikkummenta b'eżempji xierqa.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 15 ta' Mejju 2013 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Il-Poeżija tas-Seklu XX
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Il-ġens Malti ġieli kien idealizzat u ġieli kien ikkritikat. Iddiskuti b'referenza għal xi poeżiji miġbura fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*.

b. Il-bniedem mhux maħluq biex jgħix waħdu, u għalhekk irid jibni diversi relazzjonijiet ma' bnedmin oħra. Iddiskuti b'referenza għall-poeżiji li studjajt fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*.

## TAQSIMA B
## Monografiji Poetiċi
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Is-simboliżmu jidher li huwa aspett essenzjali fil-poeżiji ta' Maria Grech Ganado. Ikkummenta u agħti eżempji mill-poeżiji li hemm fil-monografija ddedikata lilha.

b. Ħafna poeżiji ta' Maria Grech Ganado jirrakkuntaw relazzjoni intima bejn raġel u mara, iżda rari jinstab mument poetiku meta din l-intimità sseħħ mingħajr tensjoni u kunflitt. Iddiskuti b'referenza kontinwa għall-poeżiji li studjajt.

ċ. Pawlu Aquilina f'diversi poeżiji jesprimi l-imħabba u l-għożża li għandu lejn il-familja tiegħu. Ikkummenta.

d. Il-ġmiel tal-kampanja Maltija u l-ħajja rurali jispiraw lil Pawlu Aquilina biex jikteb poeżiji li jqanqlu fina sens ta' sbuħija u fl-istess ħin ta' ħelsien. Ikkummenta b'referenza għax-xogħlijiet poetiċi miġbura fil-monografija ddedikata lilu.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Poeżija)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta’* ***waħda*** *minn dawn iż-żewġ poeżiji:*

### (a) WARA L-ĦOLMA TAT-TFULIJA

Kont skirt bil-ferħ, bil-ħlewwa
bla naf x’inhi tbatija;
kont ngħum fix-xemx tal-ġonna,
fil-ħolma tat-tfulija.

Kont niġri, naqbeż, nilgħab
bla xkiel, bla ħsieb ta’ xej’;
kont nogħxa, bla nintebaħ
li ż-żmien dejjem għaddej.

Issa li kbirt u tlift seħer tfuliti
u, flok ħlewwiet il-għasel,
ili nixrob l-imrar mill-kwies tal-ħajja,
qalbi donnha tixxennaq
iż-żmien sabiħ li tar.
Imma nisma’ fil-ħin leħen bħal karba
ta’ qlub miġugħa, leħen li jċanfarni:
“Mhux inti biss qed tbati. Ħares lejna
li tlifna d-dawl, is-saħħa; u mifnija
bil-ġuħ, bil-mard u d-dwejjaq,
bil-firda u bil-moħqrija,
ma fadlilniex ħaġ’oħra
ħlief nistennew il-mewt
għax fil-bnedmin ma sibna qatt il-ħniena”.

U dak il-leħen baqa’ jixgħel f’qalbi
u jċaqlaq demmi kollu
f’rogħda ta’ mħabba u ħniena.
U nħoss, inħoss li issa li fhimt sewwa
xi trodd il-ħajja,
inkun beżżiegħ u vili jekk nitbekka
jew nibqa’ mxennaq għall-ħlewwiet imbiegħda,
għall-ħolma tat-tfulija.

Ferħ ġdid jimlieli ’l qalbi,
ferħ kbir li ma doqt qatt fi snin tfuliti.
Jekk fraħt meta kont tifel
għax ma kontx naf bil-weġgħa tat-tbatija,
illum jien nifraħ iżjed
issa li xrobt ukoll l-imrar tal-ħajja.
Nifraħ għax sirt inħoss bħal min ibati
u iżjed nifraħ għaliex nista’ ntaffi
l-uġigħ tal-qlub għajjiena
li qatt ma daqu l-ħniena.

Dun Frans Camilleri

**JEW**

## (b) IMĦABBTEK BĦALL-MEWĠ

Imħabbtek bħall-mewġ
jiġi għal għarrieda

jgħollini 'l fuq
u b'sabta jħabbatni mal-blat.

Imħabbtek bħall-mewġ
li jserraħni

jitlifni nħares 'il fuq lejn ix-xemx
biex jaħrabli u jinkini
li wasal qabli fix-xatt.

Imħabbtek bħall-mewġ qawwi
tistennieh se jġorrok miegħu
biex jispiċċa fix-xejn
ċafċifa melliesa.

Imħabbtek bħall-mewġ
fil-fond kurrent bla rażan
fil-qrib ragħwa bajda li tiksik.

Imħabbtek bħall-mewġ.

M'għandux bżonn lili
tielgħa u nieżla
tielgħa u nieżla miegħu

m'għandu bżonn xejn
ħlief ir-riħ qawwi li jqanqlu.

Simone Galea

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 16 ta' Mejju 2013 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m. |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A

### Id-Drama
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Iddiskuti kif *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant huwa dramm li matulu l-persunaġġi jgħaddu minn bidla f'ħajjithom.

b. *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* huwa dramm li fih Alfred Sant juri li l-karattri jinbnew mhux biss bis-saħħa ta' dak li jagħmlu, imma wkoll, jew aktar, bis-saħħa ta' dak li jaħsbu. Iddiskuti.

ċ. Id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer huwa mibni fuq ir-relazzjoni ta' Menz mhux biss mal-oħrajn, imma wkoll miegħu nnifsu. Iddiskuti lil dan il-persunaġġ f'dan id-dawl.

d. Il-karattru ewlieni fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer huwa bniedem komuni li jispiċċa biex jiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd. Iddiskuti kif l-awtur jinqeda b'Menz biex juri kif is-soċjetà tista' trażżan u tillimita l-libertà tal-individwu.

## TAQSIMA B
### In-Narrattiva
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Soċjetà hija magħmula minn ġemgħa ta' karattri differenti li, madankollu, jintrabtu bejniethom b'kuntratt ta' rispett. Iddiskuti *Ħala taż-Żgħożija* ta' Lino Spiteri f'dan id-dawl.

b. Agħżel karattri u sitwazzjonijiet minn *Ħala taż-Żgħożija* biex turi kif Lino Spiteri qiegħed jikteb bil-ħsieb li jislet tagħlima.

ċ. Iddiskuti kif *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer jiżvolġi l-mixja tal-bniedem lejn l-għarfien tiegħu stess u tal-ħajja fiha nnifisha.

d. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer huwa rumanz dwar ir-relazzjoni bejn l-individwu u s-soċjetà. Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Proża)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta'* ***waħda*** *minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża:*

### (a) Telqa Sajfija

Awwissu sħun u jaħraq fuq l-Għolja tal-Iklin. Imqar fid-dell is-sħana tinħass tqila u goffa fuq l-Għolja tal-Iklin. Telqa. Għafja. U wara nofsinhar ma tarax ruħ fl-għelieqi. U l-ebda siġra ma titħarrek; uħud minnhom, bħall-bajtar u l-ħarrub, mitluqa qishom f'nagħsa għażżiena, imdiehxa mill-qbiż bla kwiet ta' għasafar ipespsu u jzekzku 'l hemm u 'l hawn, fuq l-Għolja tal-Iklin, u mqar l-inbiħ tal-klieb mill-għelieqi donnu nofs ħajra f'dik is-sirġa ta' Awwissu. Fuq l-Għolja tal-Iklin.

Dun Ġwakkin fuq banketta ħdejn il-kappella. Ftit buttuni miftuħa tas-suttana sewda. Bil-brevjarju f'idu jipprova jgħid l-Għasar. Mal-lejl għadu ma jistax jagħlaq għajn ma' għajn. Imma xi ħin wara nofsinhar taqbdu ħedla għal ftit, għajnejh jingħalqu, imbagħad għarqan xraba jqum u joħroġ għall-frisk ħdejn il-kappella għax, skont Baskal, minn hemm kultant tgħaddi żiffa... "donnu San Mikiel iqabbad xi erba' anġli jrewħu ġwinħajhom."

Is-sħana tagħmel bih, żiffa u mhux żiffa, kultant ibill griżmejh bl-ilma frisk tal-bir tal-ġnejna tmiss mal-kappella. Ħarstu aktar lejn id-dehra mifruxa quddiemu, b'Ħal Lija mitluqa qisha wkoll f'nagħsa qalb il-ħdura tal-għelieqi u ġonna taċ-ċitru jaħżnu x-xemx. U l-għelieqi mtarrġa jistrieħu u jitkennu f'xulxin. Is-skiet ta' wara nofsinhar sajfi fl-Iklin, jaħseb Dun Ġwakkin, hu għalkollox differenti minn dak tal-Belt. Saħansitra għandu riħa s-sajf hawn fil-kampanja, ħierġa mill-għelieqi, mis-siġar bil-frott u l-weraq xieref tagħhom, mill-bajtar ġa misjur, mill-bettieħ mimdud fil-ħamrija, mir-riħa tal-bhejjem fl-istalel. Hawn, fis-skiet, bħal donnu jisma' t-tqarqiċ tal-ħamrija u tal-qasbija jissieltu max-xemx.

(Minn *Il-Qassis tal-Belt* ta' Ġorġ Peresso)

**JEW**

## (b) Pika bejn Tnejn

Nofs siegħa qabel ma Joe kellu jasal lura d-dar, Rose ġa kellha kollox lest. Ma kinitx biħsiebha tagħtih għalfejn jagħmel xi xenata minn tiegħu għax ma jsibx kollox f'postu. Il-Ħamis kien ikun qisu l-maħrub biex jinżel il-każin jilgħab il-biljard. Ġieli Rose kienet toqgħod tkarkar biex tlestilu jiekol jew, bħat-tfal, tagħmel tabirruħha li fehmitu ħażin biex tarah jinfiska – pika ta' bejn il-miżżewġin li jispiċċaw ma jitħamlux.

Iżda llum kellha tkun storj'oħra. Sal-ħamsa Rose kienet lestiet il-mejda tal-kamra tal-ikel u qiegħdet żewġ fliexken birra fil-qabda maġenb il-pultruna. Mad-dar kienet xterdet riħa taqsam ta' kliewi jinqlew. Żammithom itektku fuq nar baxx biex ikunu lesti għal meta jasal. Saħħnet taġen ieħor biex il-bajd tkun tista' taqlibhom mingħajr ma jinfaqgħu. Sal-aħħar tentufa, imbasta tagħlaqlu ħalqu u ma tagħtihx xi jgħid!

Fuq it-televixin kienet għaddejja telenovela milli kienet tħobb hi iżda ma kellhiex moħħha. Tbaxxiet u, għal ma nafx kemm-il darba dakinhar, iċċekkjat il-vidjowplejer. Xi żmien qabel kienet qabbdet lit-tifel t'oħtha juriha kif tħassar il-leħen ta' fuq it-tejp; żewġ sekondi kollox, kemm tgħatti d-data li l-preżentatriċi kienet tħabbar fil-bidu tal-programm.

"Hekk ara," kien qalilha. "Kemm tagħfas u titlaq il-buttuna."

Iżda subagħha donnu ma kienx ħafif biżżejjed. Wara li ħassret ma nafx kemm-il tejp, sa fl-aħħar irnexxielha ġġibha żewġ. Ir-rekording ta' fuq it-tejp li kellha fil-vidjowplejer kien ta' programm ta' xi sitt xhur qabel.

(Minn *Ħadd wara Ħadd* ta' Vincent Vella)